# Tifkiriet u Storja tal-Parroċċa u l-Festa ta' San Ġorġ

*Pawlu Sammut*

Ħal Qormi hu post ta' abitazzjoni wisq antika. L-istess irid jingħad għall-Istorja tal-knisja parrokkjali ddedikata lil San Ġorġ sa minn żminijiet imbiegħda.

Fl-1436, il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tissemma fil-vista pastoral ta' l-Isqof Senatore De Mello. Data importanti marbuta mal-knisja u mal-parroċċa ta' San Ġorġ hi s-sena **1456, ħames mija u ħamsin sena ilu**, meta sar l-bini mill-ġdid tal-knisja ta' San Ġorġ qabel il-knisja preżenti.



Fl-1440 laħaq il-kappillan Dun Giglio Lombardo u dan ħass il-bżonn li jwaqqa' l-knisja li kien hemm fejn illum jinsab il-kappellun tar-Rużarju u jibni oħra akbar u aħjar. Dan seħħ fis-sena 1456, kif tixhed skrizzjoni li ħalla fil-ġebel bil-Latin: "MCCCCLVI die mesis Septembris. Hoc maramma ... tempore mei Domini Gilii Lombardi eiusdem. Ecclesiae Cappelani praedicto fuerunt Matteus Cassar, et Petrus Camilleri" u maqluba għall-Malti tgħid: "1456, l-10 jum tax-xahar ta' Settembru. Dan il-ħajt (twaqqaf) fi żmieni Dun Giglio Lomabardo, Kappillan ta' din il-knisja. Il-Prokuraturi tal-bini msemmi kienu Matteo Cassar u Pietru Camilleri."

B'xorti tajba din l-iskrizzjoni fil-ġebel, missirijietna baqgħu jgħożżuha bħala relikwija għażiża tal-ġrajja ta' Ħal Qormi u meta fl-

*ikompli f'paġna 61*

*ikompli minn paġna 59*

1585 inbniet il-knisja preżenti. Din l-iskrizzjoni ta' Dun Giglio żammewha b'tifkira tal-knisja ta' qabel. Illum tinsab fil-ħajt tal-knisja minn ġewwa fejn il-battisteru inti u dieħel fin-navi tal-lemin.

**Mitt sena ilu: 1906 – 2006**: iżżanżnet għall-festa ta' San Ġorġ l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel, sabiex titqiegħed fuq il-palk tal-Pjazza ta' San Franġisk, għall-armar ta' barra. Din l-istatwa, xogħol il-magħruf statwarju Vincenzo Cremona, nħadmet fil-ħanut tiegħu fi Strada Catedrale, tas-Sliema, u nġiebet fuq l-ispalla minn tas-Sliema għal Ħal Qormi mid-dilettanti tal-festa kif jixhed dan ir-ritratt meħud mitt sena ilu fl-1906, bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq l-ispalla mix-xatt ta' tas-Sliema.

**Festa San Ġorġ 1931 – 75 sena ilu (Mill-programm tal-festa)**

Fil-festa ta' l-1931, fl-ewwel jum tat-tridu, għamlet il-programm fuq il-Palk Prinċipali, il-Banda San Ġorġ Martri, fejn fost l-oħrajn daqqet l-innu "Lil San Ġorġ" tal-Kavallier Vincenzo Carabott. Wara sar logħob tan-nar mill-Prof. Ignazio Potenzione ta' Messina. Fl-aħħar jum tat-tridu, daqqet il-Banda Pinto fuq il-Palk Prinċipali u lejlet il-festa l-istess Banda Pinto f'nofs in-nhar daqqet marċijiet mar-raħal kollu. Fil-għaxija il-Banda San Ġorġ Martri daqqet fuq il-Palk Prinċipali waqt li ħadu sehem ukoll il-Banda Sliema u l-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ.

Fl-10.00 p.m. fi Pjazza Vallone sar konkors kbir tan-nar bejn il-Professur Potenzione Ignazio u Caffarelli Filippo, irdieden u final speċjali li qatt ma deher bħalu f'Malta. F'jum il-festa, nhar it-23 ta' April, f'nofs in-nhar, marċ mill-Banda San Ġorġ Martri u fit-3.00 p.m. waqt il-purċissjoni ħadu sehem il-Banda San Ġorġ Martri ta' Bormla fuq il-Palk Prinċipali, Duke of Edinburgh ħdejn l-istatwa tal-prinċipessa, La Vallette fi Pjazza San Franġisk u Sant' Elena fi Pjazza San Sebastjan. Waqt il-purċissjoni kien hemm sparar ta' musketterija, bombi u murtali tal-kulur.

Fil-knisja t-tridijiet saru mill-bravu predikatur Rev. Mons. Enrico Bonnici D.D.BL. Il-paniġierku sar mill-Wisq Rev. Luigi Catania D.D.B.L., Kappillan ta' Ħaż-Żabbar. Kemm il-purċissjoni u l-quddiesa tmexxew

*ikompli f'paġna 63*

*ikompli minn paġna 61*

mis-saċerdot novell Dun Manwel Mallia. Il-mużika fil-knisja kienet immexxija mill-magħruf surmast Ferdinando Camilleri.

**Fil-festa lil San Ġorġ ħamsin sena ilu**

Wara l-marċ tar-rebħa ta' Triq Anici u l-ħatra tal-pussess ta' l-arċipriet il-ġdid Dun Gerald Frendo, il-Kumitat iddeċieda li jerġa jiżbogħ u jirranġa l-armar tal-Pjazza San Franġisk, kif ukoll li l-armar ta' fejn l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes jintrama fit-triq il-ġdida, Triq Anici, flimkien ma' xi antarjoli.

Barra s-sehem tal-Banda San Ġorġ Martri, lejlet il-festa, ħadu sehem il-Banda Lourdes tal-Qrendi u l-"Queen's Own" ta' l-Isla. F'jum il-festa, nhar it-13 ta' Mejju, ġew mistiedna l-baned "Duke of Edinburgh" tal-Birgu, "San Ġorġ" ta' Bormla, "St. Joseph" tal-Ħamrun, "Holy Trinity" tal-Marsa u "St. Paul" ta' San Pawl il-Baħar. Għall-festa l-Kumitat kellu spiża ta' £630-1s-1d, u daħħal £620-11s-3$^{1/2}$d; żbilanċ ta' £9-9s-9$^{1/2}$d.

Fil-knisja t-tridijiet saru mill-Wisq Rev. Patri Provinċjal Mariano Sammut O.E.S.A. Il-quddiesa solenni tmexxiet mis-saċerdot novell Dun Feliċ Tabone u l-paniġierku sar mir-Rev. Sac. Gius. Pace B.A.Lic.D. Il-funzjonijiet tmexxew mis-saċerdot novell Dun Joachim Schembri. Il-muøika fil-knisja ħa ħsiebha s-Surmast Mro. Giuseppe Camilleri.

**Ħamsin sena ilu**

Fit-23 ta' Settembru tas-sena 1956, ġie inawgurat tabernaklu ġdid u rikk ħafna fl-artal maġġur li nħadem mid-ditta F.Cassar ta' Bormla, fuq mudelli tad-ditta Farina ta' Katanja, fi Sqallija, u disinji ta' Joseph Grima minn Naxxar u Manwel Buhagiar. Ħadmu ħafna Dun Lawrenz Saliba u l-Arċipriet Dun Gerald Frendo biex sar dan it-tabernaklu. L-akbar benefatturi ta' din l-opra tassew denja tal-post fejn jinżamm is-Santissmu Sagrament, kienu s-Sinjorina Ċetta Muscat, il-familja ta' Dun Vinċenz Borg u Dun Salv Cilia. Naturalment, kien hemm ukoll ħafna nies oħrajn li offrew għotjiet ta' flus u oġġetti prezzjużi għal dan il-għan.